MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 1298/2000/1

**The GOLDEN SHEPHERD GROUP LIMITED**

**vs**

**HEALTH SERVICES GROUP LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-23 ta' Gunju, 2000, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi din l-Onorabbli Qorti harget il-mandat ta' sekwestru numru 1725/00 u l-mandat ta' qbid numru 1727/00 fl-ismijiet Health Services Group Limited versus The Golden Shepherd Group Limited fuq talba tas-socjeta' konvenuta;

Illi Gaetano Bonnici in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ikkonferma bil-gurament tieghu illi s-socjeta' konvenuta ghandha tiehu minghand is-socjeta' attrici s-somma ta' Lm16,358 (sittax-il elf, tlett mija u tmienja u hamsin liri maltin) ghal nursing services;

Illi l-ammont pretiz huwa eccessiv stante illi l-bilanc dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ma jeccedix l- ammont ta' Lm1455.91 (elf erba' mija u hamsa u hamsin liri maltin u wiehed u disghin centezmu) kif jidher mill-prospett tas-socjeta' attrici li kopja tieghu hija hawn annessa bhala "Dok. A";

Illi l-mandati hawn fuq imsemmija inhargu abuzivament peress illi ma kienx hemm bzonnhom u fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta naqset milli tinterpella lis-socjeta' attrici thallas id-dejn pretiz skond l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi s-socjeta' konvenuta innotifikat bhala sekwestratarji mhux biss il-banek kummercjali izda wkoll il-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni li permezz taghhom isiru l-maggor parti tal-

pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici ghas-servizzi medici minnha provduti;

Illi permezz tal-hrug tal-mandati hawn fuq imsemmija giet interrotta il-"cash-flow" tas-socjeta' attrici li minhabba f'hekk soffriet danni ingenti u li kellha tinkorri aktar spejjez billi tiddeposita, minghajr pregudizzju, garanzija bankarja ghas-somma kumplessiva ta' Lm16,358 (sittax-il elf, tlett mija u tmienja u hamsin liri maltin) in kawtela tal-pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta inkluz l-ispejjez ta' l- istess mandati;

Illi addizjonalment ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru hawn fuq imsemmi s-socjeta' konvenuta talbet ukoll il-hrug tal-mandat ta' qbid hawn fuq imsemmi daqs li kieku l-pretensjonijiet taghha ma kinux gia kawtelati bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi t-talba tas-socjeta' konvenuta ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 1725/00 u l-mandat ta' qbid numru 1727/00 fl-ismijiet Health Services Group Limited versus The Golden Shepherd Group Limited kienet abuziva u kontra l-ligi;

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lis-socjeta' attrici kif ukoll penali ta' mhux inqas

minn hames mitt lira maltija u mhux izjed minn tlett elef liri maltija skond kif din il-Qorti jidhrilha xieraq ai termini ta’ l-artikolu 837(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjeta’ attrici flimkien mad-dokument hemmhekk mehmuz;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-Socjeta’ konvenuta tat-13 ta’ Settembru, 2000, li biha eccepiet:

1. Illi l-procedura li s-socjeta’ attrici istitwiet il-kawza jigifieri dik tac-citazzjoni hija nulla peress li l-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tobbliga lill-istess socjeta’ attrici stante li l-mandat ghadu kawtelatorju minhabba li hemm kawza fl-istanza tal-Qorti tal-Appell, sabiex jaghmel din it-talba bil-procedura ta’ rikors;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nulli stante illi t-tielet talba fejn talab danni skond l-artiklu 837(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta trid issir biss b’rikors jew quddiem dik il-Qorti li laqghat il-mandat kawtelatorju jew quddiem il-Qorti li gja qeghda tisma l-kas u dan ai termini tal-istess artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux b’citazzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma ghal kollox infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi t-talba tal-konvenut hija ta’ sittax-il elf tlett mija tmienja u hamsin lira maltin (Lm16,358) oltre l-imghax u l-ispejjez u dan jista jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema talba giet kanonizzata b’sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta li issa hija soggetta ghall-appell fuq punt ta’ procedura;

4. Illi kontrarjament ghal dak li qieghed jintqal bil-gurament saru diversi ittri u laqghat fen is-socjeta’ attrici talbet zmien sabiex thallas l-ammont dovut u ghalhekk dan id-dejn kien fil-fatt accettat anki fil-kitba;

5. Illi l-mandati nhargu regolarment u in sostenn tad-drittijiet tat-talbiet tas-socjeta' konvenuta u dan meta s-socjeta' attrici ddikjarat illi ma tridx thallas;

6. Illi s-socjeta' attrici ma sofrietx ebda danni anzi hija s-socjeta' konvenuta li qeghda tbati danni kontinwu anki ghall-fatt li sar depozitu u ghalhekk l-effett tal-mandati gew newtralizzati;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjeta' konvenuta flimkien mas-sitta u ghoxrin (26) dokument mehmuzin maghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, wara li l-Avukat tas-Socjeta' konvenuta iddikjara li kien qieghed jirtira t-tieni eccezzjoni;

Rat id-Degriet taghha tas-27 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta in-nullita' tal-procedura mehuda mis-Socjeta' attrici, u dan wara li tat lill-partijiet il-fakolta' li jaghmlu izjed sottomissjonijiet permezz ta' Noti, liema Noti ma jidhirx li saru saz-zmien lilhom moghti bis-sahha ta' dak id-Degriet;

## *Ikkunsidrat:*

L-eccezzjoni preliminari mtellgha mis-Socjeta' konvenuta tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 789(1)© u 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi qieghed jinghad li l-att li bih inbdew dawn il-proceduri - jigifieri, permezz ta' Citazzjoni - ma kienx l-att li l-ligi tghid li ghandu jsir taht din il-procedura specjali. Il-kumpanija mharrka zzid tghid li l-procedura xierqa kellha ssir b'rikors;

Illi dak li s-Socjeta' attrici qeghda titlob f'din il-kawza hu li l-Mandati kawtelatorji mahruga mis-Socjeta' konvenuta kontra taghha jigu dikjarati abbusivi u kontra l-ligi, u li l-istess kumpanija mharrka titqies hatja tad-danni mgarrba mis-

Socjeta’ attrici minhabba dan l-ghamil u tigi ordnata thallasha penali;

Ghalkemm fit-tielet talba taghha, s-Socjeta’ attrici qeghda ssemmi l-artikolu 837(8) tal-Kap 12 [liema disposizzjoni fil-fatt ma tesistix fil-Kodici tal-Procedura], huwa evidenti li l-procedura li fuqha hija msejsa c-Citazzjoni presenti hija dik imfissra fl-artikolu 836 tal-istess Kodici;

Illi johrog car mill-kliem tal-ligi procedurali nnifisha li l-procedura preskritta taht l-artikolu 836 ghat-thassir ta’ Mandat kawtelatorju hija bil-mezz ta’ rikors [art. 836(1)]; izda l-procedura ghall-kundanna tal-esekutant ta’ Mandat kawtelatorju ghall-hlas tad-danni lill-esekutat hija bil-mezz tac-Citazzjoni [art. 836(9)];

Illi, minkejja l-procedura specjali mahsuba ghat-thassir ta’ Mandat kawtelatorju fic-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 836, jibqa’ dejjem il-principju li, il-procediment ordinarju quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri jitmexxa bil-mezz tac-Citazzjoni [ara art. 161(1) tal-Kap 12];

Illi, minbarra dan, l-artikolu 164(2) tal-istess Kodici jghid li ma jkun hemm l-ebda nullita’ jekk kemm-il darba kawza li jmissha tingieb b’rikors, minflok titmexxa ‘l quddiem b’Citazzjoni. Min-naha l-ohra, jekk att suppost tmexxa b’Citazzjoni u, minflok, jitmexxa b’rikors, ikun hemm nullita’ [art. 164(1)];

Fuq kollox, biex att gudizzjarju jigi meqjus null taht id-disposizzjonijiet tal-paragrafu © tal-artikolu 789(1) tal- Kodici tal-Procedura, il-ksur tal-forma tal-att irid ikun gab lill-parti li tressaq l-eccezzjoni tan-nullita’ ta’ dak l-att pregudizzju li ma jistax jissewwa xort’ohra ghajr bit-thassir ta’ dak l-att. Fil-kaz partikolari, is-Socjeta’ konvenuta ma wrietx li l-allegata nullita' tal-forma tat-talba tas-Socjeta’ attrici qeghda toholqilha pregudizzju li ma jistax jissewwa jew jigi meghlub. Ghall-kuntraraju, l-istess Socjeta’ konvenuta ressqet eccezzjonijiet fil-mertu li juru li d-difizi taghha f’dawn il-proceduri jinstabu f’ghejjun ohra mhux marbuta mal-forma tal-procedura uzata mis-Socjeta’ attrici;

Illi, kif inghad ukoll, wahda mit-talbiet tas-Socjeta’ attrici hija tali li l-ligi stess tordna li ghandha titmexxa bil-mezz tac-

Citazzjoni. Issa b'zieda ma' dak li nghad aktar 'il fuq, m'huwiex koncepibbli li, f'azzjoni wahda fejn uhud mit-talbiet jistghu jsiru b'rikors u ohrajn isiru b'Citazzjoni, l-attrici jkollha tibda izjed minn procedura wahda b'forom differenti: l-ghaqal u l-ekonomija jindikaw li dawn kollha jistghu jinbdew bil-procedura ordinarja;

Din kienet ukoll il-fehma ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) f'kas li jixxiebah hafna ma' dan presenti, fejn ukoll iddecideit eccezzjoni bhala din fis-sens li cahditha {ara sentenza al-Prim'Awla (AJM) tat-**18 ta' Ottubru, 1999**, fil-kawza fl-ismijiet General Works Union vs Malta International Airport p.l.c. et] ;

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda **tichad l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta** u tordna li l-kawza tissokta fil-gbir tal-provi fil-mertu u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2000.

L-ispejjez jibqghu ghad-decizjoni ahharija.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------